# Il-Familja Grech-Mifsud



*minn Anna Mendes CORDEIRO*

**Niftakar** li meta kelli xi sitta jew sebgħa snin, waqt li konna għaddejjin minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq Grognet, jien waqaft quddiem rixtellu tal-ħadid u bdejt nittawwal għal ġo ġnien kbir b'ħafna siġar u xtieli sbieħ. Ma ridtx nemmen meta oħti Vivien qaltli li dak kien il-ġnien tad-dar tas-sinjura Julia u s-sur Wyndham, għaliex aħna konna noqogħdu qrib il-Villa Grech-Mifsud, fi Triq il-Kbira, u ta' tifla li kont, fejn konna dak il-ħin kien ħafna 'l bogħod mid-dar tagħna!

U veru, għax Villa Grech-Mifsud tinsab qrib il-Każin Nicolò Isouard u kienet mibnija għall-familja Mifsud fil-bidu tas-seklu dsatax - bħalma hemm miktub fil-kuntratt taż-żwieġ ta' l-avukat Giovanni Battista Mifsud fl-1815. Magħha wkoll hemm il-ġnien fuq medda ta' tmint itmien. Minn żmien għal żmien tħawwlu fih siġar tal-frott speċjalment taċ-ċitru u wkoll pjanti eżotiċi.

L-istess ġnien hu mżejjen bi statwi sbieħ ta' l-iskultur ta' l-Assunta, Salvatore Dimech (is-Sartx). L-Avukat G.B. Mifsud kien benefattur kbir tar-Rotunda li kienet qed tinbena f'dak iż-żmien. Bħalu wkoll kien ibnu il-Mons. Michelangelo li okkupa ħafna karigi għolja fil-Kurja ta' Malta. Huma żejjnu minn buthom il-Kappella ta' San Pawl b'opri artistiċi u jinsabu midfuna fl-istess kappella bħalma jixhdu l-lapidi tagħhom. Fl-istess kappella hemm ukoll bust ta' l-irħam ta' Mons. Mifsud magħmul mill-iskultur Taljan Tudolini. Mons. Michelangelo kien l-ewwel saċerdot li qaddes fil-Knisja l-ġdida meta tlestiet fil-25 ta' Frar 1860.



*Dr. Wyndham Grech LL.D.*

Benefattur ieħor kbir tar-Rotunda kien l-Avukat Oreste Grech-Mifsud, iben Marianna Mifsud li kienet bint Giovanni Battista. Dan kien wieħed mill-avukati mill-aktar imfittxa fil-bidu tas-seklu għoxrin. Hu rregala l-Knisja Arċipretali l-arloġġ tal-kampnar magħmul mill-arluġġar Sapiano, filwaqt li oħtu Teresina ħallset għall-pulptu ta' preġju kbir li għadu jżejjen ir-Rotunda.

Fl-1913 f'Malta sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali u l-familja Grech-Mifsud tat is-sehem tagħha wkoll. Id-delegati u prelati minn diversi pajjiżi, fosthom kardinal Domenico Ferrata, ġew milqugħa f'Villa Grech-Mifsud għal tratteniment bħalma jixhdu ir-ritratti li ġew esebiti fil-wirja li s-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard organizzat fl-aħħar ġimgħa t'April 2003 fl-okkażjoni tad-90 anniversarju ta' dan l-avveniment storiku. L-Avukat kien ukoll President tal-Banda Nicolò Isouard fl-1912. Huwa miet fl-1925.

Ix-xjuħ li kienu jiftakruh kienu jirreferu għall-familja tiegħu bħala "tas-Sur Oreste". Oħt is-sur Oreste, Teresina, kienet omm is-sur Wyndham, li hawn ħafna bħali li għadhom jiftakruh sew. Huwa twieled fl-1890.

Fl-1915 daħal fir-*Royal Flying Corps* u Wyndham kien meqjus bħala l-ewwel pilota Malti. Fl-ewwel gwerra dinjija kien itajjar l-ajruplan fuq Franza u l-Italja. Jum wieħed l-ajruplan intlaqat mill-għadu, il-ko-pilota tiegħu ġie maqtul u Wyndham ġie ferut bi *shrapnel* fl-istonku, li tneħħietlu fl-1934! Minħabba li hu kien jitkellem l-Ingliż u t-Taljan perfettament, wara l-ewwel gwerra nħatar *Liason Officer* bejn l-Ingliżi u t-Taljani. Ta' dan ġie ddekorat bl-unur *Cavaliere della Corona Italia*. Fl-aħħar gwerra dinjija kien ukoll ajjutant inkarigat mill-provvisti f'Ħal Far.

Minn hemm imbagħad mar l-Eġittu, u peress li kien ukoll avukat (professjoni li fil-Familja Grech-Mifsud ilha nieżla sebgħa ġenerazzjonijiet!) serva bħala avukat-imħallef f'*Ravensbruch War Crimes Trial* - f'dak li kellu x'jaqsam mal-kamp ta' konċentrament tan-nisa.

Minkejja dawn l-impenji importanti kollha li kellu, is-sur Wyndham kien jieħu parti wkoll fil-ħajja soċjali tal-Mosta. Kien jinteressa ruħu ħafna fis-**Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard**, u kien ukoll l-ewwel President tal-*Malta Playing Fields Association* - meta l-grawnd tal-futbol ġie nawgurat fl-1953. Wyndham Grech miet fl-1956. Bħalissa, wara l-mewt tal-Mons. Maurice Grech (ara l-artiklu ddedikat lilu) fil-Villa hemm biss l-Avukat Leslie Grech u s-Sinjura Mafine Grech.

Bħalma rajna, din il-familja bl-għeruq tagħha fil-Mosta, tat kontribut siewi fil-Parroċċa tagħna kif ukoll lill-Malta. Ikun tassew xieraq li meta jerġa' jingħataw ismijiet lit-toroq ġodda tal-Mosta, waħda minnhom tkun imsemmija għal xi membru ta' din il-familja bħala tifkira u rispett.

*Ħajr lill-Familja Grech-Mifsud għat-tagħrif.*